Nru. 17,582
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Mejju, 2004
Tuesday, 11th May, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 487

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,577 u 17,579 ta' l-4 u s-7 ta' Mejju, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 257 ta' l-2004: L-Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji.

A.L. Nru. 258 ta' l-2004. Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Laħam ta' Tjur Frisk.

A.L. Nru. 259 ta' l-2004: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Regolamenti ta' l-2004 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat.

A.L. Nru. 260 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar Dritt għal Applikazzjoni minn Persuna Kwalifikata.

A.L. Nru. 261 ta' l-2004: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Limitation of Liability for Maritime Claims) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2004.*

A.L. Nru. 262 ta' l-2004: Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2004), Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm25,000,000 4.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (It-Tieni Ħruġ), *Fungibility Issue.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 487

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,577 and 17,579 of the 4th and 7th May, 2004, respectively.

L.N. No. 257 of 2004: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); Mutual Recognition of Qualifications of Veterinary Surgeons Regulations, 2004.

L.N. No. 258 of 2004: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); Health Problems affecting the Production and Placing on the Market of Fresh Poultry-Meat Regulations, 2004.

L.N. No. 259 of 2004: Social Security Act (Cap. 318); State Financed Residential Services Rates Regulations, 2004.

L.N. No. 260 of 2004: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Qualified Person (Fees for Application) Regulations, 2004.

L.N. No. 261 of 2004: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Limitation of Liability for Maritime Claims) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2004.

L.N. No. 262 of 2004: Budget Measures Implementation Act, 2004 (Act No. II of 2004), Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of an amount not exceeding Lm25,000,000 4.8% Malta Government Stock 2016 (Second Issue), Fungibility Issue.

A.L. Nru. 263 ta' l-2004: Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2004), Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm40,000,000 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (L-Ewwel Ħruġ).

L.N. No. 263 of 2004: Budget Measures Implementation Act, 2004 (Act No. II of 2004), Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of an amount not exceeding Lm40,000,000 5% Malta Government Stock 2021 (First Issue).

A.L. Nru. 264 ta' l-2004: Ordinanza dwar l-Importazzjoni, Magazzinaġġ u Bejgħ ta' *Petroleum* (Kap. 25), Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352), Att dwar Taxxa fuq *Bunkering* ta' Żjut (Kap. 381); Regolamenti ta' 2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, *Terminals* u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*.

L.N. No. 264 of 2004: Petroleum (Import, Storage and Sale) Ordinance (Cap. 25), Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), Bunkering (Fuels) Tax Act (Cap. 381); Dangerous Cargo Ships, Marine Terminals and Facilities and Bunkering (Amendment) Regulations, 2004.

A.L. Nru. 265 ta' l-2004: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2004 dwar id-Delega ta' l-Amministrazzjoni ta' Faċilitajiet lill-Kunsill Lokali Tarxien (Ordni Nru. 2).

L.N. No. 265 of 204: Local Councils Act (Cap. 363); Delegation of Administration of Facilities to Tarxien Local Council (No. 2) Order, 2004.

A.L. Nru. 266 ta' l-2004: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 266 of 2004: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Delegation of Enforcement) (Amendment) (No. 2) Order, 2004.

A.L. Nru. 267 ta' l-2004: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti ta' l-2004 dwar Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea.

L.N. No. 267 of 2004: Income Tax Act (Cap. 123); European Union Directives Regulations, 2004.

Il-11 ta' Mejju, 2004

11th May, 2004

Nru. 488

No. 488

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar it-Tnejn, l-10 ta' Mejju, 2004, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Monday, 10th May, 2004, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

L-10 ta' Mejju, 2004

(OPM 12/2004)

10th May, 2004

Nru. 489

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Vincent Callus	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	10-13.5.2004

Il-11 ta' Mejju, 2004

No. 489

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

11th May, 2004

Nru. 490

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (XOGĦLIJIET)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Carmel Mifsud Borg	Direttur Ġenerali *Director General*	Xogħlijiet *Works*	17-20.05.2004

Il-11 ta' Mejju, 2004

No. 490

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (WORKS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Resources and Infrastructure has approved the following acting appointment:–

11th May, 2004

Nru. 491

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il- Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Floriana	Kenneth Brincat

Il-11 ta' Mejju, 2004

No. 491

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of the respective Local Council:–

Local Council (Locality)	*Secretary*
Floriana	Kenneth Brincat

11th May, 2004

Nru. 492

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Strument ta' Delega mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Kap. 356.

A.L. 107 ta' l-2002.

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u d-disposizzjonijiet tan-Nomina ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, qed b'dan tiddelega l-poteri u funzjonijiet hawn taħt speċifikati lill-persuni hawn taħt imsemmija:

A.L. 337 ta' l-2001.

għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 9, 21 u 23 tar-Regolamenti tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart, fir-rigward ta' Attivitajiet ta' Maniġġjar ta' Skart; Permessi għall-Produzzjoni ta' Skart skond Skeda 7; Trasport u Disponibbiltà ta' Skart Biodegradabbli; Trasport u Disponibbiltà ta' oġġetti ta' skart mhux perikoluż, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed b'dan tiddelega dawk il-poteri u funzjonijiet speċifikati fir-regolamenti msemmija hawn aktar qabel lid-Direttur għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent, jew lill-Assistent Direttur is-Sur Vincent Gauci; u

A.L. 337 ta' l-2001.

A.L. 205 ta' l-2000.

għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 9 u 21 tar-Regolamenti tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġjar ta' Skart, fir-rigward ta' Noti ta' Trasport u Disponibbiltà ta' Skart Perikoluż u fir-rigward tar-regolament 9 tar-Regolamenti tal-2000 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kontroll ta' Moviment Transkonfini ta' Sustanzi Tossiċi u Sustanzi oħra), fir-rigward ta' Permessi għall-Esportazzjoni ta' Skart Perikoluż u Permessi għat-*transit* minn ġo Malta ta' Skart Perikoluż, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed b'dan tiddelega dawk il-poteri u funzjonijiet speċifikati fir-regolamenti msemmija hawn aktar qabel lid-Direttur għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent, jew lill-Assistent Direttur is-Sur Vincent Gauci, jew lit-*Team Manager* is-Sur Kevin Mercieca,

liema delega ġiet approvata bir-riżoluzzjonijiet tal-Bord ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-1 ta' April, 2004, u tat-8 ta' April, 2004. Fir-riżoluzzjonijiet imsemmija hawn aktar qabel ġie konfermat li l-poteri u funzjonijiet imsemmija hawn aktar qabel hekk delegati ġew magħmula bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'seħħ mit-8 ta' April, 2004.

Il-11 ta' Mejju, 2004

No. 492

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Instrument of Delegation by the Malta Environment and Planning Authority

Cap. 356.

L.N. 107 of 2002.

IN exercise of the powers conferred on it by subarticle (4) of Article 5 of the Development Planning Act, 1992, and the provisions of the Nomination of the Malta Environment and Planning Authority, the Malta Environment and Planning Authority, with the approval of the Minister for Rural Affairs and the Environment, hereby delegates the powers and functions as stated hereinafter to the persons hereinafter specified:

L.N. 337 of 2001.

for the purpose of the provisions of regulations 9, 21 and 23 of the Waste Management (Permit and Control) Regulations, 2001, in relation to Waste Management Activities; Waste Production Permits as per Schedule 7; Transport and Disposal of Biodegradable Waste; Transport and Disposal for non-hazardous waste items and Transport and Disposal of Inert Waste, the Malta Environment and Planning Authority hereby delegates such powers and functions specified in the aforesaid regulations to the Director of Environment Protection, or the Assistant Director Mr. Vincent Gauci; and

L.N. 337 of 2001.

L.N. 205 of 2000.

for the purpose of the provisions of regulations 9 and 21 of the Waste Management (Permit and Control) Regulations, 2001, in relation to Transport and Disposal of Hazardous Waste Consignment Notes and of regulation 9 of the Environment Protection (Control of Transboundary Movement of Toxic and other Substances) Regulations, 2000, in relation to Permits for the Exportation of Hazardous Waste and Permits for the transit through Malta of Hazardous Waste and Permits for the transit through Malta of Hazardous Waste, the Malta Environment and Planning Authority hereby delegates such powers and functions specified in the aforesaid regulations to the Director of Environment Protection, or the Assistant Director Mr. Vincent Gauci, or Team Manager Mr. Kevin Mercieca,

which delegation was approved by resolutions of the Malta Environment and Planning Authority Board of 1st April, 2004, and 8th April, 2004. In the aforesaid resolutions it was confirmed that the aforesaid powers and functions so delegated were made with the consent and authorization of the Malta Environment and Planning Authority with effect from 8th April, 2004.

11th May, 2004

Nru. 493

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 493

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Stephen Mallia	78060 (M)	58, "Fontain House", Triq Luiġi Fontana, Żebbuġ
Joseph Borg	295376 (M)	"Memphis", Triq Wiġi Bongailas, Żabbar
Joseph Farrugia	392766 (M)	"Reve D'Amour", Vjal l-Independenza, Żurrieq
Tancred Cesareo	738061 (M)	Flat 5, Blokk "E", l-Imtarfa, Rabat
Alexander Charles Fava	183086 (M)	27, "Sundown", Triq is-Santwarju, San Ġwann
Simon Vella	316069 (M)	29, Triq Preziosi, Lija
Adrian Galea	462285 (M)	55, "Massabielle", Triq Ħal Warda, Attard
Vanessa Gray	495479 (M)	"Honey Comb", Triq Rudolph Saliba, Rabat
Jesmond Pace	91768 (M)	"Casa Pace", Triq Reggie Miller, Gżira
Victor Mizzi	601361 (M)	14, Triq Mondion, Fgura
Charles Gravina	132567 (M)	113, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ
Michael Debono	461157 (M)	"Limestone Lodge" Triq San Martin, Żurrieq

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*

Philip Debrincat	753051 (M)	25, "Perla", Triq l-Assemblea Nazzjonali, San Ġwann
Paul Ciantar	247158 (M)	Flat 1, "St. John", Triq ir-Rebbiegħa, Mosta
Josef Gatt	225875 (M)	118, Triq San Albert, Gżira
Jean Pierre Azzopardi	397379 (M)	20, Triq il-Kulleġġ, Sqaq Numru 1, Rabat
George Camilleri	326185 (M)	39, "Beatus Georgius", Triq ir-Ruzell, Attard
Kenneth Marshall	346879 (M)	44, "St. Mary", Triq Santa Monika, Pietà
Juan Formosa	507765 (M)	"Petal", Triq Agnese Schembri, Ta' Paris, Birkirkara
Stanley Bondin	162869 (M)	"Ave Maria", Vjal l-Independenza, Bubaqra, Żurrieq
Mario Farrugia	646054 (M)	10, "Summer Flounder", Triq Sir Luigi Camilleri, San Ġwann
Mario Said	29883 (G)	"Der Traum", Triq Michele Busuttil, Rabat, Għawdex
Raphael Lia	767959 (M)	68, Triq Santa Tereża, Żabbar
Nicholas Mallia	32965 (M)	52, "Il-Midra", Triq Papa Pawlu VI, Siġġiewi
Marthese Camilleri	690661 (M)	147, Triq is-Sur, Isla
Joseph Camilleri	627754 (M)	15, "Joevic", Triq id-29 ta' Mejju 1592, Kirkop
Francis Magri	506752 (M)	41, Triq Lord Byron, Ħamrun
Keith Borg	26877 (M)	"St Michael", Sqaq Ċejlu, Naxxar
Ivan Fenech	510277 (M)	11, "The 1794 House", Triq l-Ifran, Naxxar
Terence Borg	79383 (M)	71, "Holly Branch", Triq il-Vittorja, Ħamrun
Josef Borg	26980 (G)	"Mary", Triq is-Serkin, Marsa
Baldassare Borg	264982 (M)	33, Flat 12, Triq l-Isptar, Valletta
Anthony Camilleri	22685 (G)	41, Triq Ta' Hida, Nadur, Għawdex
Godwin Bugeja	404061 (M)	1, Triq Achille Ferris, Żebbuġ
Anton Micallef	582882 (M)	Blokk A, Flat 5, Qasam Ta' Ganza, Żejtun

Mario Joseph Lupi Spencer	17484 (G)	107, Triq Sant'Orsla, Rabat, Għawdex
Mario Cini	456366 (M)	2, "The Hollies", Flat 1, Misraħ iż-Żgħażagħ, Luqa
Mario Cassar	230978 (M)	Blokk 10, Bieb B, Flat 14, Triq il-Ġilju, San Ġwann
Mario Mifsud	210281 (M)	Blokk 5, House 7, Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke
David Formosa	149059 (M)	Flat 7, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk B3, Ta' Xbiex

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-hruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-11 ta' Mejju, 2004

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

11th May, 2004

Nru. 494

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 494

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 552	Khaled Al Gededi	'The Holiday Store' Triq it-Turisti San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.48.11	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 99	Fleur Zammit	'The Frame Studio' Triq il-Qawra San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 113	Joseph Buttigieg	Joseph Spa Hair & Beauty Triq iż-Żahar Rabat Malta	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021 93.022	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 149	John Cachia	Pro Tech Engineering Solutions Ltd 20, Triq Athlone Raħal Ġdid	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.8 52.46	05.05.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 168	Mary Aquilina	Le Mart Hair & Beauty 165, Rue D'Argens Msida	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.02 93.022	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 169	Adrian J. Mizzi	Unique Promotions Vjal Sir Paul Boffa Paola	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.05 93.021 93.022	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 171	Louis Calleja	C & L Calleja Trading Ltd 19, Flagstone Wharf Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.9 52.22 52.23 52.27	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 172	Mary Sammut	A1 Dvds & Video Rentals Shop 3, St. Helen Gate Triq il-Pellegrinaġġ Cospicua	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	05.05.04
CD/3209/2004 Pt 177	Charles Azzopardi	Charles Auto Repairs Plot 141/142, Qasam Industrijali Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	04.05.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Il-11 ta' Mejju, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

11th May, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 21 ta' l-2004

Tqegħid ta' Fibre Optic Submarine Cable minn Malta għal Sqallija

B'żieda ma' l-Avviż lill-Baħħara Nru. 14 ta' l-2004 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu lill-baħħara li b'seħħ immedjat se jitqiegħed ħabel miżmum fil-wiċċ b'bagi kuluriti bejn wieħed u ieħor 25m fuq kull naħa tar-rotta ta' *cable* bejn il-pożizzjonijiet:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
Landing Point A	35°54'.8688	14°29'.6220
Turning Point B	35°55'.2799	14°29'.9154

Il-ħbula miżmuma fil-wiċċ b'bagi kuluriti se jestendu 500m 'l barra mix-xatt.

Dan se joħloq passaġġ fejn ikun jista' jsir xogħol minn għaddasa u xogħlijiet oħra li jridu jsiru qrib ix-xatt.

Minħabba dan il-baħħara m'għandhomx jidħlu fiż-żona msemmija hawn fuq u għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mid-dgħajjes tal-kuntrattur li jkunu jduru fl-inħawi.

Ix-xogħlijiet ta' hawn fuq, li se jinkludu t-tqegħid ta' *cable* mill-bastiment irmiġġat fil-pożizzjoni B sax-xatt, huma mistennija li jitlestew sa l-4 ta' Ġunju, 2004, jekk it-temp jippermetti.

Charts effettwati: BA 177, 2538.

Il-11 ta' Mejju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 21 of 2004

Laying of Fibre Optic Submarine Cable from Malta to Sicily

Further to Notice to Mariners No. 14 of 2004 of the Malta Maritime Authority, mariners are to note that with immediate effect a floating rope with colored buoys will be laid approximately 25m on either side of the proposed cable route between positions:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
Landing Point A	35°54'.8688	14°29'.6220
Turning Point B	35°55'.2799	14°29'.9154

The floating ropes marked with coloured buoys will extend 500m from the shore.

This will create a working corridor for divers and works that have to be carried out close to shore.

In view of the above mariners are not to enter the above zone and are to obey instructions given by the contractor's boats patrolling the area.

The above works, which will include the laying of the cable from the vessel moored in position B to shore, are expected to be completed by the 4th June, 2004, weather permitting.

Charts Affected: BA 177, 2538.

11th May, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2. Jeżistu vakanzi għal Għalliema biex jgħallmu:

(i) fis-Settur ta' l-Iskejjel Primarji; u

(ii) fis-suġġetti li ġejjin fis-settur ta' Skejjel Sekondarji/Post Sedondarji:

Arti
Bijoloġija

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Teacher in the Education Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Teacher in the Education Division.

2. Vacancies exist for Teachers to teach:

(i) in the Primary Schools Sector; and

(ii) the following subjects in the Secondary/Post Secondary Schools Sector:

Art
Biology

Business Studies	Business Studies
Kimika	Chemistry
Computers Studies	Computer Studies
Ingliż	English
Studji Ewropej	European Studies
Franċiż	French
Ġografija	Geography
Ġermaniż	German
Graphical Communication	Graphical Communication
Storja	History
Home Economics	Home Economics
Information Technology	Information Technology
Xjenza Integrata	Integrated Science
Taljan	Italian
Malti	Maltese
Matematika	Mathematics
Mużika	Music
Personal and Social Development	Personal and Social Development
Edukazzjoni Fiżika	Physical Education
Fiżika	Physics
Reliġjon	Religion
Studji Soċjali	Social Studies
Soċjoloġija	Sociology
Spanjol	Spanish
Technology Education	Technology Education

3. L-iskala tal-bidu tas-salarju għal dan il-post hija Skala 9 (Lm5,750 x 192 to Lm6,902). Wara tmien snin servizz għalliem jitla' għal Skala 8 u mbagħad għal Skala 7 wara tmien snin oħra fil-grad, li fihom wieħed ikun wettaq dmirijietu b'mod sodisfaċenti.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji);

(ċ) ikollhom *Teacher's Warrant* permanenti jew jikkwalifikaw għalih skond l-artikolu 11(3) ta' l-Att XXIV ta' l-1988.

3. The initial salary scale of a Teacher is Scale 9 (Lm5,750 x 192 to Lm6,902). A teacher will proceed to Scale 8 after 8 years service in the grade and then to Scale 7 after a further 8 years service in the grade and also subject to satisfactory performance.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Education Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a recent police certificate of conduct issued not earlier than six months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details);

(c) in possession of a permanent Teacher's Warrant or qualify for one in accordance with section 11(3) of Act No. XXIV of 1988.

SETTUR PRIMARJU

4.1 Applikanti biex jgħallmu fis-Settur Primarju jrid ikollhom wieħed minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliema Regolari mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bil-kundizzjoni illi s-servizz li taw f'dan il-qasam jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti;

JEW

(ii) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem;

JEW

(iii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni;

JEW

(iv) Ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni fl-Edukazzjoni Primarja ;

JEW

(v) ikunu temmew b'suċċess il-*Graduate Teachers Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

4.1.1. L-applikanti għandu jkollhom ukoll Livell Ordinarju *Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew ekwivalenti fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* tas-suġġett rispettiv meħud bħala parti mill-*course* tal-*B.Educ (Hons)* jitqies bħala alternattiva għal Livell Ordinarju sakemm ma jitqies xejn kuntrarju. Bil-kundizzjoni li applikant li ma jkunx jissodisfa dawn ir-rekwiżiti jkun xorta waħda eliġibbli li japplika jekk hu jew hi jkollhom *Permanent Teacher's Warrant* u jkun ilu jew ilha f'impjieg *full-time* bħala għalliem/a fis-Settur Primarju għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin f'dawn l-aħħar għaxar snin.

4.1.2. Applikanti li jingħataw xi forma ta' *study leave* mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex isegwu l-kors tal-*B.Educ. (Hons)* tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta, taħt il-klawsola tal-maturità u dawk l-applikanti li applikaw taħt klawsola 4.1 (ii) huma eżenti minn klawsola numru 4.1.1. jekk dawn iġibu d-*degree* tal-B.Educ. (Hons).

4.1.3. Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-B.Educ. (Hons) li jispeċjalizzaw fit-tagħlim tal-Primarja bħala suġġett ewlieni.

SETTUR TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI/POST SEKONDARJI

4.2. Biex jgħallmu fis-Settur ta' l-Iskejjel Sekondarji/Post

PRIMARY SECTOR

4.1. Applicants for a post in the Primary Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as teacher with the Education Division, provided that their teaching service in this sector is considered satisfactory;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate;

OR

(iii) have a Bachelor's Degree in Education;

OR

(iv) have a Postgraduate Certificate in Education specialising in Primary Education;

OR

(v) have successfully completed the Graduate Teachers Course organised by the Education Division;

4.1.1. Applicants must also be in possession of an Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or equivalent in Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Educ (Hons) course shall be accepted as an alternative to Ordinary Level unless otherwise stated. Provided that an applicant who does not satisfy these requirements would still be eligible to apply if he or she is in possession of a Permanent Teacher's Warrant and has been in a full-time teaching position in the Primary Sector for a period of not less than five years in the last ten years.

4.1.2. Applicants who have been granted some form of study leave by the Education Division to follow the B.Educ. (Hons) course of the Faculty of Education of the University of Malta on the strength of the maturity clause and applicants applying under para 4.1 (ii) are exempt from clause 4.1.1. if they obtain their B.Educ. (Hons) degree.

4.1.3. Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Educ. (Hons) course with Primary teaching as a main area of specialisation.

SECONDARY/POST SECONDARY SECTOR

4.2. Applicants for the post in the Secondary/Post

Sekondarji, l-applikanti għandhom ukoll jissodisfaw waħda minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliem Regolari bħala Għalliem mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u jkollhom ċertifikat tal-Matrikola fil-livell avvanzat jew ekwivalenti fis-suġġett li għalihom tkun saret l-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li s-servizz li taw jiġi kkunsidrat sodisfaċenti;

JEW

(ii) ikollhom Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a bis-suġġett li għalih saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' taħriġ għall-Għalliema;

JEW

(iii) ikollhom Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliema maħruġ mill-Kulleġġ ta' l-Edukazzjoni *Mater Admirabilis* jew *St Michael's* flimkien ma' ċertifikat tal-matrikola fil-livell Avvanzat jew l-ekwivalent fis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni;

JEW

(iv) ikollhom Baċellerat fl-Edukazzjoni bis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' l-Għalliema;

JEW

(v) ikollhom Grad ta' Baċellerat jew kwalifika ekwivalenti li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni bħala s-suġġett ewlieni, u għandhom il-P.G.C.E. f'dan is-suġġett bħala *main area*. Fil-każ fejn l-Università ta' Malta ma tkunx għamlet dak il-kors partikolari tal-P.G.C.E. fl-aħħar tliet snin qabel ħarġet din is-sejħa l-applikant li jkun għamel il-P.G.C.E. f'xi suġġett ieħor, jikkwalifika;

JEW

(vi) ikollhom grad ta' Baċellerat jew kwalifika ekwivalenti li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni jew għandhom iċ-ċertifikat tal-*Graduate Teachers Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

JEW

(vii) ikollhom il-grad ta' *Master's* jew Dottorat fis-suġġett li għalih ikunu applikaw. Applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet finali tagħhom u jkunu ser jiggradwaw bi grad ta' *Masters* jew dottorat wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu *transcripts* uffiċjali tal-gradi ma' l-applikazzjoni.

Secondary Schools Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher in the Education Division and have a pass at Advanced Matriculation Level or equivalent in the subject applied for, provided that their teaching service is considered satisfactory;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate with the subject applied for taken as the main subject in the Teacher's Training Course;

OR

(iii) have a full certificate in Education awarded by Mater Admirabilis College of Education or St Michael's College of Education together with a pass at Advanced Matriculation level or equivalent in the subject applied for;

OR

(iv) have a Bachelor's Degree in Education which includes the subject applied for as the main teaching area;

OR

(v) have a Bachelor's Degree or an equivalent qualification which includes the subject applied for as a main area and have a Post Graduate Certificate in Education specializing in the subject applied for. Where the University of Malta did not run a course leading to Post Graduate Certificate in Education in the area applied for in the last three years before the issue of this call, a Post Graduate Certificate in Education with any subject specialization will qualify the applicant;

OR

(vi) have a Bachelor's Degree or an equivalent qualification which includes the subject applied for and have successfully completed the Graduate Teachers Course organised by the Education Division;

OR

(vii) have a Master's or Doctor's Degree in the subject applied for. Applicants who have passed their final examinations and will be graduating with a Master's or Doctor's degree after the closing date of the applications have to provide official transcripts of the degrees with their applications.

4.2.1. Applikanti għas-Settur Sekondarju/Post Sekondarju jrid ikollhom Livell Ordinarju fis-*Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew ekwivalenti fil-Malti, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* rispettiv meħud bħala parti mill-*Course* tal-*B.Educ (Hons)* jitqies bħala alternattiva għal-Livell Ordinarju.

4.2.2. Applikanti li ngħataw xi forma ta' *study leave* mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex isegwu l-kors tal-*B.Educ. (Hons)* tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta, taħt klawsola tal-maturità u dawk l-applikanti li applikaw taħt klawsola 4.2 (ii) huma eżenti minn klawsola numru 4.2.1. jekk dawn iġibu d-*degree* tal-B.Educ. (Hons).

4.2.3. Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-B.Educ. (Hons) jew tal-Kors tal-P.G.C.E. ta' l-Università ta' Malta, u li għandhom is-suġġett li japplikaw għalih bħala s-suġġett ewlieni li jispeċjalizzaw fih. Fejn l-Università ta' Malta ma tkunx fetħet Kors tal-P.G.C.E. f'xi suġġett partikolari, kandidat jista' joffri suġġett ieħor fil-P.G.C.E. basta dan ikollu jew *Hons. Degree* fis-suġġett li għalih ikun applika jew ikollu *General Degree* li fih bħala suġġett ewlieni ta' studju is-suġġett li jkun applika għalih.

4.2.4. Fil-każ tal-*Personal and Social Development* is-suġġett ewlieni fl-istudju f'livell *first degree* għandu jkun il-Psikoloġija.

4.2.5. Fil-każ tax-Xjenza Integrata, il-kandidati li japplikaw taħt il-klawsola 4.2 (iv) (v) jew (vi) iridu jkunu studjaw il-Bijoloġija jew il-Kimika jew il-Fiżika fil-grad tagħhom tal-Baċellerat u jridu jkunu għaddew fiż-żewġ suġġetti l-oħra fil-livell tal-Matrikola Avvanzata jew Intermedju jew ekwivalenti.

4.2.6. Fil-każ tar-Reliġjon, il-kandidati jrid ikollhom ċertifikat mingħand l-Arċisqof li juri li huma adatti biex jgħallmu r-Reliġjon.

4.2.7. Fil-każ ta' l-Arti u l-Mużika:

(a) l-applikanti li għandhom:

(i) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliema

jew

(ii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni,

jew

(iii) Grad ta' Baċellerat kif ukoll kors tal-P.G.C.E. fl-

4.2.1. Applicants for the Secondary/Post Secondary Sector must be in possession of at least Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or equivalent in the following three subjects: Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Level Matriculation (Minimum Grade E) or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Educ (Hons) Course, shall be accepted as an alternative to Ordinary Level.

4.2.2. Applicants who have been granted some form of study leave by the Education Division to follow the B.Educ. (Hons) course of the Faculty of Education of the University of Malta on the strength of the maturity clause and applicants applying under 4.2 (ii), are exempt from clause 4.2.1. if they obtain their B.Educ. (Hons) degree.

4.2.3. Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Educ. (Hons) Course or in P.G.C.E. Course at the University of Malta and have as a main area of specialisation the subject applied for. Where the University of Malta did not run a P.G.C.E. Course in that particular subject any P.G.C.E. will qualify an applicant who also has either an Hons. Degree in the subject applied for or a General Degree in which the subject applied for is a main area of study.

4.2.4. In the case of Personal and Social *Development* the degree must include Psychology as a main area of study.

4.2.5. In the case of Integrated Science applicants claiming eligibility in terms of paragraph 4.2 (iv) (v) or (vi) must have studied Biology or Chemistry or Physics as a main area of study in their degree and have passed in the other two subjects at Advanced Matriculation or Intermediate level or equivalent.

4.2.6. In the case of Religion, candidates must also obtain the necessary certificate of suitability for the teaching of Religion from the Local Ordinary.

4.2.7. In the case of Art and Music:

(a) applicants who have:

(i) a Teacher's Certificate

or

(ii) a Bachelor's Degree in Education,

or

(iii) a Bachelor's Degree and have also a P.G.C.E. of the

Università ta' Malta jew *Graduate Teachers Course,*

jew

(iv) għandhom il-Grad ta' *Masters* jew Dottorat,

huma eliġibbli li japplikaw jekk il-kwalifiki huma relevanti għas-suġġett.

(b) Dawk l-applikanti bi kwalifiki bħal dawk imsemmija hawn fuq f'suġġetti oħra, iżda li għandhom ukoll kwalifiki relevanti komparabbli ma' Livell Avvanzat jew aktar, huma wkoll ikkunsidrati eliġibbli li applikaw.

4.2.8. Fil-każ ta' l-*Information Technology,* l-applikazzjonijiet jintlaqgħu minn:-

(a) Gradwati tal-*B.Educ. (Hons)* jew gradwati tal-P.G.C.E. jew studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-*B.Educ. (Hons)* jew tal-P.G.C.E.;

u

(b) li jispeċjalizzaw fis-settur Sekondarju;

u

(ċ) jissodisfaw waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(i) għandhom il-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-*Computing* jew *Information Technology*

jew

(ii) għandhom ċertifikat fis-seba' *modules* ta' l-*European Computer Driving Licence (ECDL)* jew ċertifikat ekwivalenti.

4.2.9. Fil-każ ta' l-Istudji Ewropej, l-applikanti magħżula jridu jkunu attendew kors relevanti ta' Studji Ewropej organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jew jikkommettu ruħhom li jsegwu l-kors meta jgħidulhom biex jagħmlu dan.

4.3. Gradi u/jew ċertifikati minn universitajiet barranin u istituzzjonijiet oħra ta' l-edukazzjoni terzjarja jrid ikollhom magħhom *transcripts* uffiċjali. Tagħrif u linji ta' gwida dwar gradi, diplomi jew ċertifikati barranin jista' jinkiseb mill-*Malta Qualification Recognition Information Centre* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi. Provi ta' komparabilità għandhom jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjonijiet kollha.

4.4. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (kopji mehmuża ma' l-applikazzjonijiet, l-oriġinali jintwerew waqt l-intervista).

University of Malta, or a Graduate Teacher's Course,

or

(iv) a Master's or a Doctor's degree,

shall be eligible to apply if their qualifications are relevant to the subject.

(b) Those applicants having the qualifications listed above in other areas, but having also relevant qualifications comparable to an Advanced Level or higher, shall also be considered eligible to apply.

4.2.8. In the case of Information Technology, applications will also be received from:-

(a) B.Educ (Hons) or PGCE graduates or students who are in their final year of studies in B.Educ. (Hons) or PGCE Course;

and

(b) whose area of specialisation is in the Secondary Sector;

and

(c) satisfy one of the following conditions:

(i) have a pass at Advanced Matriculation Level in Computing or Information Technology

or

(ii) have obtained a pass in all seven modules of the European Computer Driving Licence (ECDL) or equivalent.

4.2.9. In the case of European Studies selected applicants must have undergone the relevant course for European Studies organised by the Education Division or commit themselves to follow the course when requested to do so.

4.3. Degrees and/or certificates awarded by foreign universities and other tertiary education institutions must be accompanied by official transcripts. Informaton and guidance regarding foreign degrees, diplomas or certificates may be obtained from the Malta Qualification Recognition Information Centre, Ministry of Education, Youth and the Employment. Proof of comparability is to be submitted with all applications.

4.4. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

4.4.1. Ċertifikati tal-gradi għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż, li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), 2000, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

6. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post. Hu maħsub li l-intervisti jkunu lesti sat-13 ta' Awissu 2004. Hu fl-interess ta' l-applikanti li jattendu għall-intervisti skond l-appuntament li jingħata. Raġunijiet għall-assenza, inkluż safar, jistgħu ma jintlaqgħux.

